BALZAN

Kunsill Lokali Balzan
153 Triq il-Kbira
Ħal Balzan

---

**MINUTI TA-SITTA U GĦOXRIN LAQGĦA TAS-SITT KUNSILL**

**Post:** fis-Sala tal-Kunsill, 153 Triq il-Kbira, Ħal Balzan

**Data:** l-Erbgħa, 6 ta' Jannar 2010

**Ħin:** Mill-5.37pm sas-7.15pm

**Prezenti:** It-Tabib John Zammit Montebello (wasal fis-5.40pm)
Is-Sur Joseph Mary Galea
Is-Sur Guido Borg
Is-Sur J. Cassar
L-Avukat Trevor De Giorgio (wasal fis-5.42pm)

Il-Viċi-Sindku ħa s-siġġu peres li s-Sindku kien għadu ma wasalx u l-laqgħa bidet imma wara żewġ minuti wasal is-Sindku u ħa s-siġġu.

1. **Approvazzjoni tal-Minuti tal-Ħamsa u Għoxrin laqgħa tas-Sitt Kunsill.**

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-minuti tal-Ħamsa u Għoxrin laqgħa tas-Sitt Kunsill, ta' nhar il-Erbgħa, 16 ta' Diċembru 2009 (mehmuza). Kopja tal-minuti ngħatat lill kull kunsillier qabel il-laqgħa.

Il-Minuti tal-Ħamsa u Għoxrin laqgħa tas-Sitt Kunsill, ta' nhar il-Erbgħa, 16 ta' Diċembru 2009 kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Kunsillier J. Cassar li kien issekondat mill-Kunsillier Guido Borg. Il-minuti kienu approvati unanimament. Is-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

2. **Mill-Minuti.**

1. Is-Segretarju Ezekuttiv ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill illi kienu qed jgħaddu trakkijiet minn Triq il-Providenza u meta jsibu li t-triq hija dejqa u ma jistawx jgħaddu kienu qed jispiċċaw jitilgħu fuq il-bankina bil-konsegwenza li ssir ħsara lill-bankina u lill-ispralli tad-drenaġġ tar-residenti. Il-Kunsill unanimament qabel li għandhom isiru tabelli *No Entry Commercial Vehicles Except to Render a Service in the Street* fi Triq il-Providenza kantuniera ma Sqaq Numru 3 fi Triq il-Providenza u fi Triq it-Tabib Zammit fil-pjazzetta.

2. Is-Segretarju Ezekuttiv ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill għal-ilment li rċieviet fejn ġibdu l-attenzjoni għad-dwal li jinxtegħlu fi żmien il-Milied fl-arja mgħarufa bħala Wesgħa Ġiġi Gauci u t-toroq tal-madwar fejn ġie nnutat li l-Kunsill ma għandux jippermetti li d-dawl idum mixgħul sa nofsilejl minħabba l-ħela. Il-Kunsill innota li jidhirlu li sa nofsilejl huwa raġonevoli anzi fl-lejliet il-Milied u l-Ewwel tas-Sena d-dawl għandu jdum sas-sagħtejn ta' filgħodu biex l-atmosfera tal-Milied titgawda.

3. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi nhar il-Ġimgħa, 8 ta' Jannar 2010 fil-10.45am. ser jinfetħu l-offerti fir-rigward tal-Ġonna, Tabelli u Marki tat-Toroq u Manutenzjoni ta' Toroq li ħriġna flimkien mal-Kunsill ta' Birkirkara u għaldaqstant il-Kunsill irid jaħtar rapprezentant biex jiftaħ l-offerti fil-pubbliku flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv. Il-Kunsill unanimament approva li l-Viċi-Sindku, s-Sur J. Galea jirraprezenta lill-Kunsill. Il-Viċi-Sindku aċċetta li jagħmel dan.

4. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi wara l-Ewwel tas-Sena diġa bagħtet żewġ *reminders* lid-ditta Schembri Infrastructures Limited biex jirranġaw il-bankina quddiem propjeta numru 33 fi Triq il-Qarċilla imma s'issa ma kienx hemm risposta għaldaqstant jekk ser nibqaw mingħajr risposta allura x-xogħol isir mill-ħaddiema tal-Kunsill għas-spejjes tal-kuntrattur.

5. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi tqassmu l-ittri lir-residenti ta' Triq il-Kbira kif indikat fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill imma bejn Triq il-Providenza u bieb numru 239 hemm biss erbat idjar. Il-Kunsill innota li għandhom jitqassmu l-ittri sa bieb ta' dar numru 243 fi Triq il-Kbira.

   Is-Segretarju Ezekuttiv qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill ir-risposta li ta' ir-resident li joqgħod f'numru 236 fejn qal li ma jridx *barrier* għax tkun ta' ostakolu u tkun tidher kerha (mehmuza).

   Is-Sindku nnota li fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill ma kinietx ittieħdet deċiżjoni dwar it-tqiegħid ta' *barriers* fuq il-bankina qrib *Balzan Pharmacy* biex vetturi ma jitilgħux fuq il-bankina. Il-Kunsill unanimament qabel li għandhom jitqiegħdu żewġ *barriers* fi Triq il-Kbira qrib *Balzan Pharmacy* wara li jinkiseb il-permess ta' l-ADT.

6. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi l-Kunsill ingħata fondi għal-Attivitajiet Sportivi imma ma għandniex informazzjoni u dettalji aktar minn hekk.

7. Dr. T. DeGiorgio innota r-risposta negattiva li ngħatajna wara li ssottomettejna talba għal-fondi għal-Proġetti Speċjali fir-rigward tal-*upgrading* tal-pjazza. Huwa nnota li l-Kunsill għandu juri d-diżappunt tiegħu lis-Segretarju Parliamentari li l-proġett propost mill-Kunsill ma nhassx li kien denju li jieħu fondi speċjali minkejja li waqt il-laqgħa li kellna miegħi fl-4 ta' Awwissu 2009 ssemma l-proġett tagħna u hu stess ħeġġeġ lill-Kunsill biex japplika għal-fondi speċjali li kienu ser joħorġu mill-Ministeru tiegħu biex nirranġaw il-pjazza u kien qalilna li ladarba kelna l-permessi neċessarju tal-MEPA dan għandu jkun preferut biex jingħata fondi. Il-Kunsill qabel unanimament mal-proposta.

8. Is-Segretarju Ezekuttiv qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill kwotazzjoni għal-istallazzjoni ta' fanali fi Triq Mons. F. X. Zahra (mehmuza). Il-Kunsill innota li l-materja għandha tiġi diskussa aktar tard fil-laqgħa waqt il-korrispondenza.

9. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi s-Sur Agius ta' l-istabiliment Cose Casa ser jkellimna dwar aċċess għall-apparat li jirrekordja s-CCTV tal-Wied ta' Ħal Balzan wara li jikkonsulta mas-*service provider* tiegħu.

10. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi wara l-laqgħa li saret mal-kuntrattur tal-ġbir ta' skart domestiku ridet tinforma lill-Kunsill illi l-kuntrattur qed idaħħal żewġ vetturi kuljum u fil-ġranet fejn fuq il-kont ma kienx hemm żewġ vetturi l-kuntrattur qal li dak għaliex ma kienx qed jaħdem l-apparat li jiżen l-vetturi li għamel ġimgħatejn ma jaħdimx.

11. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi wara li vverifikat mal-Kap tal-Protezzjoni Ċivili biex tara jekk il-post li hemm rizervat fi Triq Sisner hemmx bżonnu r-risposta hija li iva hemm bżonnu.

12. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi wara li bagħtet lill Kunsilli kollha biex naraw min huwa interessat li jixtri *bus shelters* mudell 256 *Shelter Gaby* kienu biss il-Kunsill tal-Qrendi u ta' Ħ'Attard li wrew interess u xtaqu ikun jafu xi *stardard* ta' safety għandu dan il-mudell u jekk l-ispejjes ta' *freight* jinqasmux. Id-ditta għadha ma rrispondietx dwar jekk jinxtegħelx u jekk jieħux riklami peres li kienu bix-*shutdown*.

13. Il-Kunsillier J. Cassar informa lill-Kunsill illi l-*barman* tal-Kazin Marija Annunzjata bdiet tissepara l-iskart u qed toħroġ *skip* għal-kuntrattur bi ftehiem miegħu għas-spejjes tagħha.

**3. <u>Kommunikazzjoni tas-Sindku.</u>**

1. Is-Sindku nnota li l-laqgħa tal-Lokalita' ser issir nhar il-Ġimgħa, 22 ta' Jannar 2009 fis-Sala Aurora fis-7.30pm u għaldaqstant kull kunsillier għandu jinforma lis-Segretarju Ezekuttiv sal-ġimgħa d-dieħla dwar il-kontenut tad-diskors li ser jagħmel dakinhar.

2. Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi l-għada fis-2pm ser ikollu laqgħa mas-Segretarja tal-President ta' Malta dwar koperazzjoni f'attivita' li ser tiġi organizzata mill-President.

3. Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi kellu laqgħa mal-Pulizija fejn iddiskuta diversi suġġetti fosthom il-vandalizmu li kien qed isir fir-raħal u fil-latrina, problema ta' drogi u l-Iraqin li jorqod barra fil-parapetti tan-nies.

4. Il-Kunsillier G. Borg qal li xtaq jagħti *feedback* dwar l-aħħar laqgħa tal-Kumitat Konġunt fejn innota li tqajmet il-kwistjoni mis-Sindku ta' Birkirkara dwar il-kontravenzjonijiet tas-CCTV li huwa qed jinsisti li għandhom jiġu mgħoduda biex jitqassmu flimkien taħt is-sistema tal-*pooling* mentri minn naħa l-oħra l-membri qed jgħidu li l-flus għandhom jinqasmu skond il-ftehiem li kien ġie ffirmat.

5. Il-Kunsillier G. Borg qal li xtaq li l-Kunsill iħejji program ta' attivitajiet għas-sena kollha li jkun ppublikat foma ta' kalendarju fin-*noticeboard* tal-Kunsill sabiex ir-residenti jkunu nfurmati. Il-Kunsill innota li diġa hemm kalendarju *online* li jiġi aċċessat minn *link* fuq il-*website* il-ġdida tal-Kunsill taħt "Attivitajiet". Il-Kunsill unanimament qabel li għandu jsir kalendarju ta' attivitajiet ukoll fuq in-*noticeboard* tal-Kunsill.

6. Il-Kunsillier Dr. T. DeGiorgio informa lill-Kunsill illi nhar ta' Ġimgħa filgħaxija kien qed ikun hemm tlett żagħażgħ bi *skateboards* fi Triq San Valentinu li kienu qed jagħmlu storbju u jipperikolaw lilhom infushom peres li kienu qed jinżlu kontra d-direżżjoni tat-traffiku. Huwa nnota li tkellem mas-Superintendent Antonello Grech dwar il-materja u l-pulizija kienu qed jagħmlu *patrols* fl-arja u l-problema ssolviet.

**4. <u>Korrispondenza.</u>**

Tqiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill il-korrispondenza kollha li waslet bejn s-17 ta' Diċembru 2009 u s-6 ta' Jannar 2010 u rapport tal-korrispondenza li ġiet ippreżentata li jġib id-data tas-6 ta' Jannar 2010 (mehmuza).

**Ittra Numru 1751:** L-ittra tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar Urban Improvement Funds ġiet innutata.

**Ittra Numru 1750:** Memo 4/2010 dwar *Risk Assessment* tal-*Playing Fields* ġie nnutat.

**Ittra Numru 1749:** Memo 3/2010 dwar Tibdil fl-Onorarja tas-Sindku ġie nnutat.

**Ittra Numru 1748:** Memo 2/2010 dwar Fond ta' Kordinament għal-proġetti tal-Kunsilli Lokali ġie nnutat.

**Ittra Numru 1747:** Memo 1/2010 dwar Tqassim ta' dokumenti lill-Kunsilliera ġie nnutat.

**Ittra Numru 1744:** Memo 90/2009 dwar Skema ta' Fondi Speċjali 2010 ġie nnutat. Il-Kunsill unamimament qabel li japplika taħt l-iskema għal-fondi speċjali fir-riġwara ta' l-użu ta' Energija nadifa għal-*playing field* u pjazza, l-uffiċċju tal-Kunsill

**Ittra Numru 1741:** Memo 89/2009 dwar *allowance* tal-Kunsilliera ġie nnutat.

**Ittra Numru 1740:** Ir-risposta pożittiva għall-applikazzjoni li saret "Skema għall-Inizjattivi Sportivi għall-Kunsilli Lokali" ġiet nnutata. Is-Segretarju Ezekuttiv innutat li l-*instructor* li tat il-leżżjonijiet li għaddew ma tistax tkompli bil-lezzjonijiet. Il-Kunsill innota li għandha tintalab lista ta' *instructors* mill-KMS biex insibu waħda interessat li tagħti s-servizz.

**Ittra Numru 1739:** Memo 88/2009 dwar Seminar Informattiv u Tqassim tal-Liġi l-Ġdida ġiet innutata. Is-Segretarju Ezekuttiv ser tattendi u l-Kunsillier G. Borg ser jattendi flok is-Sindku.

**Ittra Numru 1738:** Ir-riklam dwar Yoga Classes ġie nnutat. Il-Kunsill mhux interessat li jorganizza dawn l-klassijiet.

**Ittra Numru 1731:** Il-Kunsill ikkunsidra l-proposta tar-residenta u nnota li jekk l-ADT toħroġ b'xi suġġeriment li ma joħloqx periklu lill-ħadd il-Kunsill lest li jikkundridra.

**Ittra Numru 1734:** Memo 87/2009 dwar Kuntratti minn Kunsilli Lokali maal-Skema għħall-ġbir ta' skart separat ġie nnutat.

**Ittra Numru 1723:** Memo 86/2009 dwar Ħlas ta' *Performance Bonus* ġie nnutat.

**Ittra Numru 1719:** L-ittra u ċekk mill-Kumitat Konġunt ta' rifuzjoni ta' żmien il-*pooling* ġie nnutat.

## 5. <u>Diskussjoni dwar Waste Management.</u>

Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill illi d-ditta *WasteServ* kienet qed tagħmel proposta biex tinċentiva lill-Kunsill biex jagħzel waħda mid-ditti *Greenpak* jew GreenMT biex il-Kunsill ikun jista jibbenefika minn *refund* fuq l-iskart isseparat li jinġabar kull nhar ta' Tlieta liema tunnellaġġ jibda jitnaqqas mis-somma li l-Kunsill iħallas meta jarmi l-iskart domestiku. Il-Kunsill unanimament qabel li jiffirma l-kuntratt mal-*WasteServ* biex ikopri l-istess perjodu tal-kuntratt li jrid jiffirma mad-ditta li ser tkun tiġbor l-iskart li fil-probabbilita' ser tkun id-ditta Greenpak biex ma jkunx hemm perjodu mhux kopert mis-servizz tal-ġbir ta' skart isseparat mill-*bring-in-sites*.

Il-Kunsill unanimament qabel li l-proposta tad-ditta Greenpak kienet tidher l-aktar *customer friendly* imma l-Kunsill iddeċieda li jagħti risposta wara li jiddiskuti l-materja l-Kunsill Lokali Ħ'Attard l-ġimgħa d-dieħla. Id-ditta *Greenpak* ma għandiex tingħata r-raġuni għaliex mhux ser tingħata risposta għalissa.

## 6. Diskussjoni dwar Proġetti għas-sena 2010.

1. Il-Kunsillier G. Borg informa lill-Kunsill illi ser jieħu lill-anzjani darbtejn Għawdex din is-sena f'April u f'Ġunju. Għal dan il-għan kienet ser issir laqgħa fis-Sala Aurora għada biex dawk li huma interessati jattendu jingħataw l-informazzjoni.

2. Il-Kunsillier G. Borg informa lill-Kunsill qed jaħdem fuq l-attivita' Jiem ta' Ġonna u diġa kellu ditta li lesta li tipparteċipa. Kien qed jaħdem ukoll biex jittieħdu r-ritratti tal-ġonna u kien kiteb lill numru ta' persuni dwar dan biex nifthemu data meta inkunu nistgħu nmorru nieħdu r-ritratti.

3. Il-Kunsillier G. Borg qal li waħda mill-attivitajiet ser tkun il-kxif tal-pedestal tal-bandiera f'Jum Ħal Balzan u li jsir *year planner*.

4. Is-Sindku nnota li wieħed mill-proġetti għas-sena d-dieħla huwa x-xogħol li ser isir madwar il-pjazza mill-fondi Urban Improvement tal-MEPA.

5. Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu jara kif juża energija nadifa fil-*playing field* u pjazza u fl-uffiċċju tal-Kunsill.

6. Is-Sindku fakkar ukoll li qed nistennew risposta biex inkunu nistgħu nixtru l-*bus shelters* għal-Triq Guze Bonnici u l-Pjazza u jekk jibqa fondi ninvestu f'sistema ta' CCTV camera għal-pjazza, *information boards* għar-riklami u manutenzjoni tal-bankini fi Triq Sisner.

## 7. Approvazzjoni biex isir il-ħlas.

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li ġġib id-data tas-6 ta' Jannar 2010 (mehmuza) li tammonta għas-somma ta' €2616.90.

L-iskeda ta' ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier G. Borg li kien issekondat mill-Kunsillier J. Cassar.

Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ġiet iffirmata minn żewġ kunsillieri biex nuru li hija dokument korrett.

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet *claim* biex jiġi rifondut ħlas għall-użu tal-*mobile* li sar mill-Viċi-Sindku, s-Sur J. Galea għax-xahar ta' Diċembru 2009 li tammonta għas-somma ta' €23.29. F'dan il-ħin il-Viċi-Sindku ħareġ mill-kamra. Il-Kunsill unanimament approva li jsir l-ħlas.

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħed rapport tal-*petty cash* li intefaq bejn l-1 ta' April u l-31 ta' Diċembru 2009 li jammonta għas-somma ta' €89.49 (Mejju), €51.53 (Awwissu), €53.46 (Settembru), €88.57 (Ottubru) u €85.91 (Novembru). Il-Kunsill unanimament approva x-xiri ta' *petty cash* li sar.

## 8. Ilmenti.

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħed rapport li jġib id-data tas-6 ta' Jannar 2010 li juri l-ilmenti li daħlu wara s-16 ta' Diċembru 2009 (mehmuza).

**Ilment Numru 1700905124830:** Il-Kunsill ser jikseb il-permess ta' l-ADT biex jitqiegħdu *barriers* fi Triq il-Kbira kantuniera a Triq San Frangisk u aktar 'l fuq u naraw kif inmorru filkaz aktar il-quddiem isiru aktar *barriers* fuq il-bankini skond il-bżonn.

**Ilment Numru 1700900625551:** Ara risposta li ngħatat għal-ilment bin-numru 1700905124830.

**Ilment Numru 1700905927002:** Talba biex issir *barrier* quddiem iċ-Ċentru taż-Żagħżagħ fi Triq Idmejda biex jiġi evitat xi inċident meta tfal u żagħżagħ joħorġ sparati għal-ġot-triq. Il-Kunsill innota li ma jistax jkun li ssir *barrier* peres li lanqas bankina ma hemm.

**Ilment Numru 1700906228183:** Talba biex isiru *parking bays* fi Triq Antonio Bosio biex is-ssewwieqa jipparkjaw sew. Il-Kunsill innota li t-triq hija dejqa ħafna u tintuża fiż-żewġ direżżjonijiet għaldaqstant lanqas suppost li jsir *parking* skond il-*policies* ta' l-ADT.

**Ilment Numru 1700901628184:** Talba biex issir tabella *slow down* fi Triq Antonio Bosio għax hemm min qed jinżel sparat. Il-Kunsill unanimament qabel li niktbu lill-ADT biex jinħareġ il-permess neċessarju.

**Ilment Numru 17010069118575:** Talba biex il-Kunsill jipprovdi servizz biex persuni li jiġbru l-affarijiet li tagħti l-EU bħala għajnuna lill min huwa fil-bzonn ikunu jistgħu jieħdu l-oġġetti minn Ħal Balzan. Il-Kunsill ma laqgħax il-proposta

**Ilment Numru 17010007118579:** Talba biex tiġi rranġata bankina wara li saret mis-sid li bena biex titbaxxa biex jitneħħew ir-rampi tal-konkrete. Il-Kunsill innota li ma jistax ikun jaċċetta t-talba speċjalment fuq bankina li għadha kif tlestiet u mhiex il-*policy* tal-Kunsill li jirranġa bankini għal dik ir-raġuni jekk mhux meta jkun qed isir xogħol ġdid u meta kien hemm talba li s-sid jagħmilha għas-spejjes tiegħu l-Kunsill jikkunsidra t-talba biss għax ikun ser joħroġ l-ispejjes is-sid peres li huwa biss jieħu benefiċju minnha.

## 9. <u>Affarijiet Oħra.</u>

1. Il-Kunsillier G. Borg qiegħed fuq il-mejda tal-Kunsill disinn li juri l-proposta tiegħu u stima għal-pedestal għal madwar l-arblu tal-bandira. Huwa nnota li kellu jkun prezenti min għamel id-disinn u stima imma din il-persuna ma dehritx sa tmiem il-laqgħa tal-Kunsill. Il-Kunsill innota li jixtieq jara disinni oħra qabel jieħu deċiżjoni.

2. Is-Segretarju Ezekuttiv għandha tistaqsi jekk il-Kunsilliera għandhomx aċċess għas-servizz "intra-government" peres li qed jintbagħatulhom *emails* bl-*links* li ma jistawx jinfetħu.

**Għeluq:** Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar il-Erbgħa, 27 ta' Jannar 2010 fil-5.30pm.

______________________

**Dr. J. Zammit Montebello**
Sindku

______________________

**Ms. M. Zammit**
Segretarju Ezekuttiv

______________________

Data